

EBA/GL/2014/10

16 ta' Diċembru 2014

## Linji Gwida

Dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 131(3) tad-Direttiva 2013/36/UE (CRD) fir-riġward tal-valutazzjoni ta' istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs)

# Werrej

---

<b>Linji Gwida tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-O-SIIs</b>	<b>3</b>
Titolu I — Suġġett, ambitu u definizzjonijiet	4
Titolu II — Metodoloġija tas-sistema ta' evalwazzjoni għall-valutazzjoni tal-O-SIIs	4
Titolu III — Valutazzjoni superviżorja tal-O-SIIs	6
Titolu IV — Żvelar u notifika	7
Titolu V — Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni	7
Anness 1 — Indikaturi obbligatorji għas-sistema ta' evalwazzjoni	9
Anness 2 — Indikaturi fakultattivi	11
<b>5. Konferma tal-konformità mal-linji gwida u r-rakkmandazzjonijiet</b>	<b>40</b>

# Linji Gwida tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-O-SIIs

## Status ta' dawn il-Linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont I-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont I-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tīgħi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għalhekk tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lejhom huma indirizzati l-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom jaapplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti tar-rapportar

Skont I-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biċċiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-17.02.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tīgħi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2014/10'. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifikasi se jiġu ppubbliki fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

## Titolu I — Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

1. L-EBA hija obbligata li tippubblika linji gwida dwar il-kriterji għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 131(3) tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tal-valutazzjoni ta' istituzzjonijiet sistemikament importanti oħra (O-SIIs). Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jinkludu regoli fuq ċerti żvelar matul il-proċess tal-valutazzjoni.
2. “Assi totali” għandha t-tifsira speċifikata fl-Anness 1 Tabella 2.
3. Dawn il-linji gwida huma applikabbi għall-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 131(1) tad-Direttiva 2013/36/UE (l-“awtorità rilevanti”).

## Titolu II — Metodoloġija tas-sistema ta’ evalwazzjoni għall-valutazzjoni tal-O-SIIs

4. L-awtorità rilevanti għandha tivvaluta l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, il-kumpaniji holding finanzjarji prinċipali tal-UE, kumpaniji holding imħallta prinċipali tal-UE jew l-istituzzjonijiet awtorizzati fil-ġurisdizzjoni tagħhom (kull “entità rilevanti”) kull sena.
5. Il-valutazzjoni għandha ssir fuq bażi annwali u għandha tinkludi żewġ passi. Fl-ewwel pass, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkalkulaw punteġġ ġħal kull entità rilevanti mill-inqas fl-ogħla livell ta’ konsolidazzjoni tal-parti tal-grupp li jaqa’ taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu (jiġifieri fil-livell li mhuwiex is-sussidjarju ta’ entità oħra awtorizzata jew domiċiljata fl-istess Stat Membru), inklużi sussidjarji fi Stati Membri u pajjiżi terzi oħrajn, u soġġett għall-eskużjoni fakultattiva skont il-paragrafu 10 fejn applikabbi. Mingħajr limitazzjoni għas-sentenza preċedenti l-awtoritajiet rilevanti jistgħu addizzjonalment japplikaw il-metodoloġija speċifikata f’dawn il-linji gwida f’livelli xierqa oħra biex jinfurmaw id-deċiżjoni tagħħom kif il-bafer tal-O-SII għandu jiġi kkalibrat u f’liema livell ta’ konsolidazzjoni għandu japplika. Il-punteġġ iġħandhom jirriflettu l-importanza sistemika tal-entità rilevanti u għandhom jiġu kkalkulati kif speċifikat hawn taħt. It-tieni pass għandu jkun il-valutazzjoni superviżorja stipulata fit-Titolu III.
6. Is-sett ewljeni ta’ kriterji għas-sistema ta’ evalwazzjoni tal-importanza sistemika għandu jikkonsisti f’:
  - (a) id-daqs;
  - (b) l-importanza għall-ekonomija tal-Istat Membru rilevanti jew l-Unjoni, billi titqies is-sostitwibbiltà/l-infrastruttura tal-istituzzjoni finanzjarja;
  - (c) il-kumplessità - inklużi l-kumplessitajiet addizzjonali minn attivitā transkonfinali;
  - (d) l-interkonnnettività tal-istituzzjoni jew tas-(sub-)grupp mas-sistema finanzjarja.

7. L-erba' kriterji kollha jikkonsistu f'indikatur obbligatorju wieħed jew aktar minn wieħed kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness 1. Il-kriterji kollha għandhom jiġu ppeżati indaqs b'piż ta' 25 %. L-indikaturi fi ħdan kull kriterju għandhom jiġu peżati indaqs fir-rigward tal-indikaturi l-oħra fi ħdan il-kriterju rispettiv. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jagħmlu sforz biex jużaw definizzjonijiet armonizzati ta' dawn l-indikaturi obbligatorji fl-Istat Membru, billi jużaw l-istandard tekniku ta' implementazzjoni dwar qafas ta' rappurtar superviżorju komuni għall-UE kollha skont l-ispeċifikazzjonijiet fit-Tabella 2 tal-Anness 1. Jekk il-valuri tal-indikaturi skont it-Tabella 2 tal-Anness 1 ma jkunux disponibbli minħabba l-fatt li l-entitajiet rilevanti, li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 131(1) tad-Direttiva 2013/36/UE iżda ma jirrappurtawx fl-IFRS u li ma japplikawx għalihom ir-rekiżi FINREP, ikollhom sehem mill-assi totali li huwa ugħalli jew ogħla minn 20.0%, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jużaw l-indikaturi xierqa. F'dan il-każ, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jiżguraw li dawk l-indikaturi jiġu spjegati kif xieraq u jikkorrelataw kemm jista' jkun mad-definizzjonijiet fit-Tabella 2 tal-Anness 1.
8. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkalkulaw il-punteggie billi
  - (a) jaqsmu l-valur tal-indikatur ta' kull entità rilevanti individwali bl-ammont aggregat tal-valuri tal-indikaturi rispettivi fl-istituzzjonijiet kollha fl-Istat Membru (id-“denominaturi”);
  - (b) jimmultiplikaw b'10 000 il-perċentwali li jirriżultaw biex jesprimu l-punteggie tal-indikatur f'termini ta' punti ta' bażi;
  - (c) jikkalkolaw il-punteggie tal-kategorija għal kull entità rilevanti billi jieħdu medja sempliċi tal-punteggie tal-indikaturi f'dik il-kategorija;
  - (d) jikkalkolaw il-punteggie globali għal kull entità rilevanti billi jieħdu medja sempliċi tal-erba' punteggie ta' kategorija tagħha.
9. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jinnominaw entitajiet rilevanti b'punteggie totali ugħali jew ogħla minn 350 punt bażi bħala O-SIIs. L-awtoritajiet rilevanti jistgħu jgħollu dan il-limitu sa 425 punt bażi bħala massimu jew inaqqsuh għal 275 punt bażi bħala minimu biex iqisu l-ispeċifiċitajiet tas-settur bankarju tal-Istat Membru u d-distribuzzjoni statistika li tirriżulta mill-punteggie, u b'hekk jiżguraw l-omoġġeneità tal-grupp ta' O-SIIs innominati b'dan il-mod ibbażati fuq l-importanza sistemika tal-O-SIIs.
10. Meta s-sistema bankarja tal-Istat Membru jkun fiha numru kbir ta' istituzzjonijiet żgħar, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jagħżlu li jeskludu entità rilevanti mill-proċess ta' identifikazzjoni jekk id-daqs relativ ta' din l-entità rilevanti mkejjel skont l-assi totali tagħha ma jaqbiżx 0.02 %. Meta jieħdu din id-deċiżjoni, l-awtoritajiet għandhom iqisu l-piż tar-rappurtar assoċjat ma' dawn l-entitajiet rilevanti jekk jivvalutaw li l-entitajiet mhumiex probabbli li joħolqu theddid sistemiku għall-ekonomija domestika. Jekk dawn l-entitajiet jiġu esklusi mill-proċess ta' identifikazzjoni, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jevitaw distorsjonijiet tal-punteggie billi ssir stima tal-valuri ta' indikaturi għal dawn l-entitajiet

rilevanti u tiġi inkluża fil-kampjun entità virtwali bis-somma tal-valuri tal-indikaturi ta' dawn l-entitajiet rilevanti meta jiġu kkalkulati l-punteġġi tal-entitajiet rilevanti li jifdal. Il-lista ta' entitajiet rilevanti għandha tiġi riveduta kull darba li jsir il-proċess ta' identifikazzjoni.

11. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jinkludu l-valuri tal-indikaturi ta' fergħat ta' istituzzjonijiet awtorizzati fi Stati Membri jew pajjiżi terzi fid-denominaturi għall-iskop tal-proċess ta' puntegġġ, filwaqt li jiżguraw li l-punteġġi jirriflettu s-settur bankarju tal-Istat Membru b'mod adegwat. Inkella, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw li jinkludu fil-kampjun entità virtwali bis-somma stmatu tal-valuri ta' indikaturi ta' dawn il-fergħat barranin meta jikkalkolaw il-punteġġi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jikkunsidraw id-determinazzjoni tal-punteġġi għall-fergħat tal-pajjiżi terzi skont il-metodoloġija stabilita f'dawn il-linji gwida, filwaqt li jikkunsidraw (i) ir-rilevanza globali ta' dawn il-fergħat ta' pajjiżi terzi fis-sistema bankarja domestika u (ii) id-disponibbiltà, il-komparabbiltà u l-adegwatezza tad-dejta rigward l-attività ta' fergħat ta' pajjiż terz u jinnominawhom bħala O-SIIs, fejn rilevanti għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali.
12. L-awtoritajiet rilevanti jistgħu jeżentaw lill-impriżi ta' investiment mill-applikazzjoni tal-metodoloġija ta' hawn fuq jew jużaw kampjun differenti ta' istituzzjonijiet jew sett emendat ta' indikaturi, safejn jikkunsidraw li l-indikaturi fl-Anness 1 jew il-kalkolu tad-denominaturi bbażati fuq l-istituzzjonijiet kollha ma jkunux xierqa għad-ditt tal-investiment. Jekk l-awtoritajiet rilevanti jinkludu ditti tal-investiment fil-valutazzjoni, huma jistgħu jidentifikawhom bħala O-SIIs jekk il-punteġġ tagħhom kif deskrift fil-paragrafi preċedenti jaqbeż 4.5 punti bażi.

### **Titolu III — Valutazzjoni superviżorja tal-O-SIIs**

13. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jivvalutaw jekk entitajiet rilevanti oħrajn għandhomx jiġu nnominati bħala O-SIIs fuq il-bażi tal-punteġġi ta' indikaturi fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji u/jew fuq il-bażi ta' indikaturi kwalitattivi u/jew kwantitattivi addizzjonali ta' importanza sistemika. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jagħżlu l-indikaturi li jikkunsidraw li jaqbdū b'mod adegwat ir-riskju sistemiku fis-settur domestiku tagħhom jew fl-ekonomija tal-Unjoni. L-awtoritajiet rilevanti m'għandhomx jinnominaw entità rilevanti bħala O-SII jekk il-punteġġ tagħha ma jaqbiżx 4.5 punti bażi. L-awtoritajiet rilevanti jistgħu jivvalutaw entitajiet rilevanti jew sotto-gruppi fuq bażi konsolidata jew sub-konsolidata jew fuq bażi individwali, kif applikabbli.
14. Waqt il-valutazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jaapplikaw biss l-indikaturi elenkti fl-Anness 1 jew l-Anness 2 (Indikaturi fakultattivi) billi jagħżlu l-ambitu xieraq għall-indikatur fejn rilevanti.

## Titolu IV — Żvelar u notifika

15. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jippubblikaw deskriżżjoni fil-qosor tal-metodoloġja għall-valutazzjoni superviżorja applikata matul il-proċess ta' identifikazzjoni, inklużi l-indikaturi fakultattivi, jekk ikun hemm, u għall-istabbiliment tar-rekwiżit tal-bafer. Jekk jagħżlu li jgħollu jew li jbaxxu l-limitu msemmi fil-paragrafu 9, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jispeċifikaw ir-raġunijiet għal din l-emenda u jiddefinixxu l-ispeċificitàtijiet tas-settar bankarju tal-Istat Membru u d-distribuzzjoni statistika li tirriżulta mill-punteġġi li din id-deċiżjoni hija ibbażata fuqhom.
16. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jippubblikaw il-punteġġi tal-entitajiet rilevanti nnominati bħala O-SIIs sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena. Dan jindika liema banek ikollhom puntegġġ ogħla mil-limitu u li għalhekk huma nnominati awtomatikament bħala O-SIIs. Jekk applikabbi, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jippubblikaw ukoll ir-rekwiżiti tal-bafer li huma applikati għall-O-SIIs differenti.
17. Meta entità rilevanti b'punteġġi ta' inqas mil-limitu magħżul skont il-paragrafu 9 tiġi nnominata bħala O-SII, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jippubblikaw, għal kull bank, dikjarazzjoni fil-qosor bil-motivazzjoni li ġejja:
  - (a) liema indikatur(i) fakultattivi jintużaw sabiex jinfurmaw in-nomina bħala O-SII;
  - (b) għaliex dan l-indikatur huwa rilevanti fl-Istat Membru;
  - (c) għaliex il-bank huwa sistemikament importanti f'termini tal-indikatur(i) partikolari.
18. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar l-ismijiet u l-punteġġi tal-entitajiet rilevanti kollha li mhumiex eskużi skont il-paragrafu 10, u l-valuri tal-indikaturi għall-istituzzjonijiet suġġetti għal-ġudizzju superviżorju.

## Titolu V — Dispożizzjonijiet finali u implementazzjoni

19. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015. L-awtoritajiet rilevanti għandhom jimplimentaw il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-proċeduri superviżorji tagħhom fi żmien sitt xħur wara l-publikazzjoni fuq il-websajt tal-EBA.
20. Permezz ta' deroga mill-punt 16, l-O-SIIs innominati fl-2015 u l-punteġġi tagħhom għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016.
21. Matul l-2015 u 2016, l-EBA u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jevalwaw l-indikaturi obbligatorji jew fakultattivi użati f'dawn il-linji gwida.
22. Dawn il-linji gwida, b'mod partikolari l-qafas obbligatorju minimu, inkluż is-sett ewljeni ta' kriterji, l-indikaturi obbligatorji, il-piżżejjiet u l-limiti, u l-ambitu tal-valutazzjoni superviżorja għandhom jiġu riveduti sat-30 ta' April 2016. Il-progress li sar fl-istandardi internazzjonali,

ir-rappurtar superviżorju u l-aproċċi biex titkejjel l-importanza sistemika għandu jiġi kkunsidrat biex jiġi żgurat li l-metodoloġija ta' valutazzjoni tkun xierqa.

## Anness 1 — Indikaturi obbligatorji għas-sistema ta' evalwazzjoni

**Tabella 1**

Kriterju	Indikaturi	Piż
<b>Daqs</b>	Assi totali	25.00%
<b>Importanza (inkluża s-sostitutibbiltà/infrastruttura tas-sistema finanzjarja)</b>	Valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas domestiċi	8.33%
	Depożiti tas-settur privat minn depożitanti fl-UE	8.33%
	Self tas-settur privat lil riċevituri fl-UE	8.33%
<b>Kumplessità/attività transkonfinali</b>	Valur ta' derivattivi OTC (nozzjonali)	8.33%
	Obbligazzjonijiet transġurisdizzjonali	8.33%
	Pretensionijiet transġurisdizzjonali	8.33%
<b>Interkonnnettività</b>	Passivi tas-sistema intra-finanzjarji	8.33%
	Assi tas-sistema intra-finanzjarji	8.33%
	Titoli ta' dejn pendenti	8.33%

**Tabella 2**

Indikatur	Ambitu	Definizzjoni
<b>Assi totali</b>	globali	FINREP (IFRS jew GAAP) — F 01.01, ringleħla 380 kolonna 010
<b>Valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas domestiċi</b>	globali	<p>Pagamenti magħmula fis-sena tar-rappurtar (eskużi l-pagamenti intragrupp): Dan l-indikatur huwa kkalkulat bħala l-valur tal-ħlasijiet ta' bank mibgħuta kollha permezz tas-sistemi ta' ħlas prinċipali li huwa membru tagħhom.</p> <p>Irrapporta l-valur gross totali tal-ħlasijiet kollha bi flus kontanti mibgħuta mill-entità rilevanti permezz ta' sistemi kbar ta' ħlasijiet ta' valur u l-valur gross tal-ħlasijiet kollha bi flus kontanti mibgħuta permezz ta' bank aġent (eż permezz ta' korrispondent jew kont nostro) matul is-sena ta' rappurtar f'kull munita indikata. Il-pagamenti kollha mibgħuta permezz ta' bank aġent għandhom jiġu rapportati, irrisspettivament minn</p>

<b>Indikatur</b>	<b>Ambitu</b>	<b>Definizzjoni</b>
		<p>kif il-bank aġent attwalment iħallas it-tranżazzjoni. Tinkludix it-tranżazzjonijiet intragrupp (jiġifieri tranżazzjonijiet ipproċessati fi ħdan jew bejn entitajiet fil-grupp tal-entità rilevanti). Jekk ammonti totali preċiżi ma jkunux disponibbli, jistgħu jiġu rrappurtati stimi eċċessivi magħrufin.</p> <p>Il-ħlasijiet għandhom jiġu rrappurtati irrispettivament mill-iskop, il-post jew il-metodu ta' ħlas. Dan jinkludi, iżda muhuwiex limitat għal, ħlasijiet bi flus kontanti assoċċjati ma' derivattivi, titoli li jiffinanzjaw tranżazzjonijiet u tranżazzjonijiet ta' munita barranija. Tinkludix il-valur ta' kwalunkwe oġġetti mhux flus imħalla b'rabbta ma' dawn it-tranżazzjonijiet. Inkludi ħlasijiet bi flus kontanti magħmula f'isem l-entità ta' rappurtar kif ukoll dawk magħmula f'isem il-klienti (inklu żi i-stituzzjonijiet finanzjarji u klijenti kummerċjali oħraejn). Tinkludix ħlasijiet magħmula permezz ta' sistemi ta' pagament bl-imnut.</p> <p>Inkludi biss ħlasijiet 'il barra (jiġifieri eskludi ħlasijiet riċevuti). Inkludi l-ammont ta' ħlasijiet magħmulin permezz ta' CLS. Apparti ħlasijiet ta' CLS, tippordix valuri netti ta' ħlasijiet bl-ingrossa 'il barra, anki jekk it-tranżazzjoni kienet imħalla fuq bażi netta (jiġifieri l-ħlasijiet kollha bl-ingrossa magħmulin permezz ta' sistemi ta' pagament ta' valur kbir jew permezz ta' aġent għandhom jiġu rrappurtati fuq bażi grossa). Il-pagamenti żgħar mibgħuta permezz ta' sistemi ta' pagament ta' valur kbir jew permezz ta' aġent jistgħu jiġu rrappurtati fuq bażi netta.</p> <p>Jekk jogħġibok irrapporta l-valuri f'Euro, billi tuża r-rata uffiċċjali speċifikata f'  <a href="http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm">http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm</a> (għal rati fix-xahar) jew f'  <a href="http://www.ecb.europa.eu/stats/exchange/eurofxref/html/index.en.html">http://www.ecb.europa.eu/stats/exchange/eurofxref/html/index.en.html</a> (għal rati ta' kuljum).</p>
<b>Depożiti tas-settur privat minn depożituri fl-UE</b>	UE biss	FINREP (IFRS jew GAAP) → F 20.06, ringieli 120+130, kolonna 010, pajjiżi tal-UE (assi-z)
<b>Self tas-settur privat lil riċevituri fl-UE</b>	UE biss	FINREP (IFRS jew GAAP) → F 20.04, ringieli 190+220, kolonna 010, pajjiżi tal-UE (assi-z)
<b>Valur tad-deritvattivi tal-OTC (nozzjonali)</b>	globali	<p>FINREP (IFRS) → F 10.00, ringieli 300+310+320, kolonna 030 + F 11.00, ringieli 510+520+530, kolonna 030</p> <p>FINREP (GAAP) → F 10.00, ringieli 300+310+320, kolonna 050 + F 11.00, ringieli 510+520+530, kolonna 030</p>
<b>Obbligazzjonijiet transġurisdizzjoni</b>	globali	<p>FINREP (IFRS jew GAAP) → F 20.06, ringieli 010+040+070, kolonna 010, Il-pajjiżi kollha tħlief il-pajjiż ta' oriġini (assi-z)</p> <p>Nota: Il-valur ikkalkulat għandu jeskludi i) obbligazzjonijiet intra-uffiċċi u ii) obbligazzjonijiet ta' fergħat barranin u sussidjarji vis-à-vis kontropartijiet fl-istess pajjiż ospitanti</p>
<b>Pretensjonijiet transġurisdizzjoni</b>	globali	<p>FINREP (IFRS jew GAAP) → F 20.04, ringieli 010+040+080+140, kolonna 010, Il-pajjiżi kollha tħlief il-pajjiż ta' oriġini (assi-z)</p> <p>Nota: Il-valur ikkalkulat għandu jeskludi i) assi intra-uffiċċi u ii) assi ta' fergħat barranin u sussidjarji vis-à-vis kontropartijiet fl-istess pajjiż ospitanti</p>
<b>Obbligazzjonijiet tas-sistema intra-finanzjarja</b>	globali	FINREP (IFRS jew GAAP) → F 20.06, ringieli 020+030+050+060+100+110, kolonna 010, Il-pajjiżi kollha (assi-z)

Indikatur	Ambitu	Definizzjoni
<b>Assi tas-sistema intra-finanzjarja</b>	globali	FINREP (IFRS jew GAAP) → F 20.04, ringlei 020+030+050+060+110+120+170+180, kolonna 010, il-pajjiżi kollha (assi-z)
<b>Titoli ta' dejn pendenti</b>	globali	FINREP (IFRS jew GAAP) → F 01.02, ringlei 050+090+130, kolonna 010

## Anness 2 — Indikaturi fakultattivi

### Indikatur fakultattiv

EAD totali
RWA totali
Entrati li ma jidhrux fil-karta bilançjali
Kapitalizzazzjoni tas-suq
EAD totali/PDG tal-Istat Membru
Assi totali/PDG tal-Istat Membru
Self tas-setturi privat*
Self ipotekarju*
Self tan-negożju*
Self tal-konsumaur*
Depożiti fil-livell ta' konsumatur*
Depożiti garantiti taħt sistema ta' garanzija ta' depożitu*
Depożiti korporattivi*
Kwalunkwe depożiti*
Numru ta' klijenti fil-livell tal-konsumaturi*
Sehem fis-sistema tal-ikklerjar u s-saldu*
Servizzi ta' ħlas ipprovduuti lill-parteċipanti fis-suq jew oħrajn*
Assi taħt kustodja*
Sottoskrizzjoni ta' ħruġ ta' bonds*
Sottoskrizzjoni ta' ħruġ ta' ekwità*
Holdings ta' bonds domestiċi
Numru ta' kontijiet ta' depożitu — negozju*
Numru ta' kontijiet ta' depożitu — fil-livell tal-konsumatur*
Tqassim ġeografiku tal-attività bankarja
Tip ta' klijenti*
Assi tal-livell 3
Derivattivi (in-naħħa tal-assi u/jew tal-obbligazzjonijiet)
Valur tan-Negozjar u disponibbli għal titoli ta' bejgħ (b'kunsiderazzjoni ta' assi likwid iħafna)
Numru ta' sussidjarji
Numru ta' sussidjarji barranin
Numru ta' ġurisdizzjonijiet attivi
Grad ta' rizolvabbiltà skont il-valutazzjoni ta' rizolvabbiltà tal-istituzzjoni
Introjtu nett barrani / introjtu totali
Introjtu mhux mill-imġħax / introjtu totali*
Valur ta' riakkwisti
Valur ta' riakkwisti inversi

### **Indikatur fakultattiv**

---

Kontaġju potenzjal permezz ta' entitajiet f'konglomerat

---

Kontaġju potenzjali permezz ta' azzjonisti

---

Kontaġju reputazzjonali potenzjali

---

Pretensjonijiet u/jew obbligazzjonijiet interbankarji\*

---

Tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli

---

Volumi jew valuri ta' tranżazzjonijiet tas-suq\*

---

Importanza għal IPS li l-entità hija membru tagħha

---

Ħruġ sinifikanti ta' bonds koperti

---

Dejn titolizzat

---

Servizzi ta' ħlas ipprovdu\*

---

Konnettività lejn u minn sistema bankarja barranija

---

Konnettività lejn u minn sistemi bankarji mhux barranin

---

Assi miżmuma għan-negozjar

---

**Għal indikaturi mmarkati b'\* l-awtoritajiet rilevanti jistgħu jagħżlu l-ambitu xieraq (l-Istat Membru, l-Unjoni, ġertu reġjun, globali).**